

Brussell, 28 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5628/1/26  
REV 1

ECOFIN 65  
FIN 105  
RELEX 86  
COEST 56  
ECB  
EIB

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna – Adozzjoni

---

1. Fit-3 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, kif jinsab fid-dokument ST 16367/25 u Proposta għal Regolament li jistabbilixxi s-Self Marbut mar-Reparazzjoni lill-Ukrajna u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna kif jinsab fid-dokument ST 16376/25.
2. Bil-ħsieb li jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju meħtieġ għall-Ukrajna mit-tieni kwart tal-2026, il-Kunsill Ewropew, fit-18 ta' Diċembru 2025 (EUCO 24/25), qabel li jipprovdi self ta' EUR 90 biljun lill-Ukrajna għas-snin 2026–2027 abbażi tas-self tal-UE fuq is-swieq tal-kapital appoġġati mill-marġni ta' manuvra baġitarja tal-UE. Il-Kunsill Ewropew qabel ukoll li kwalunkwe mobilizzazzjoni ta' riżorsi tal-baġit tal-Unjoni bħala garanzija ta' dan is-self mhux ser ikollha impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja.

3. Is-self miftiehem mill-Kunsill Ewropew biex iwieġeb b'mod urġenti għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, jeħtieġ kemm ftehim unanimu biex jiġi emendat il-QFP kif ukoll ftehim dwar self appoġġat mill-marġni ta' manuvra baġitarja tal-UE li ma għandux impatt fuq l-obbligi finanzjarji ta' dawk it-tliet Stati Membri. L-impossibbiltà li jintlaħaq l-objettiv tas-self, fi żmien raġonevoli permezz ta' pakkett ta' atti li jinvolvu l-Unjoni kollha kemm hi, hija għalhekk ċara mid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew u l-konklużjonijiet li ntlaħqu, kif ikkonfermat mill-Coreper fid-19 ta' Diċembru 2025.
4. L-istrument li jipprovdi s-self lill-Ukrajna u l-emendi meħtieġa għar-Regolament QFP jistgħu għalhekk jiġu miftiehma biss, bħala l-aħħar alternattiva, permezz tal-kombinazzjoni ta' ftehim unanimu dwar ir-Regolament QFP u kooperazzjoni msaħħa fir-rigward tal-istrumenti tal-Artikolu 212 TFUE li jistabbilixxu s-self li għalih in-nefqa li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dak l-att, tiġġarrab mill-Istati Membri parteċipanti, f'konformità mal-Artikolu 332 TFUE. Għalhekk, dan jirrikjedi kooperazzjoni msaħħa għall-proposta ta' self lill-Ukrajna msemmija hawn fuq.
5. Fl-20 ta' Diċembru 2025, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja talbu (ST 17101/25) li l-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Kunsill għal deċiżjoni li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa li għandha bħala l-objettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha li tipprovdi self lill-Ukrajna ta' EUR 90 biljun għas-snin 2026–2027 abbażi tas-self tal-UE fuq is-swieq tal-kapital appoġġati mill-marġni ta' manuvra baġitarja tal-UE billi tagħti effett lill-paragrafi 3 u 4 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (EUCO 24/25) kif ukoll il-paragrafu 8 tat-test dwar l-Ukrajna appoġġat bis-sħiħ minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern (EUCO 26/25).
6. Fit-23 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna, kif tinsab fid-dokument ST 17116/25.

7. Fid-9 ta' Jannar 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel fil-prinċipju dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna kif rivedut mill-ġuristi lingwisti, kif jinsab fid-dokument ST 17113/25, u ddeċieda, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni u f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub biex jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 329(1), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
8. Fit-12 ta' Jannar 2026, il-Kunsill iddeċieda permezz ta' proċedura bil-miktub li jitlob lill-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna kif rivedut mill-ġuristi lingwisti, kif jinsab fid-dokument ST 17113/25.
9. Fil-21 ta' Jannar 2026, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' Self għall-Ukrajna (ST 5663/26 + COR 1).
10. Fuq dan l-isfond, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jikkonferma l-qbil dwar it-test u jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni kif riflessa fid-dokument ST 17113/25, diġà riveduta mill-ġuristi lingwisti, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, bl-Ungerija tastjeni.